# IL-VALURI TAL-UE



ĊAĦDA TA' RESPONSABBILTÀ:

Id-dikjarazzjonijiet għandhom l-għan li jħeġġu diskussjoni fi klassi dwar il-valuri tal-Unjoni Ewropea. Dawn mhumiex opinjoni fuq il-valur, u lanqas ma jirrappreżentaw il-fehma tal-Parlament Ewropew.

"Referendum dejjem ikun mod tajjeb kif tħalli liċ-ċittadini jieħdu sehem."



# DEMOKRAZIJA

"Id-demokrazija vera tista' taħdem fil-livell lokali biss."



# LIBERTÀ

"Il-libertà ma tfissirx li ma jkollok ebda responsabbiltà."



# LIBERTÀ

“Peress li hemm libertà tal-kelma, il-partiti politiċi razzisti jeħtiġilhom jitħallew fil-Parlament Ewropew.”



© European Union 2017, source EP

# SOLIDARJETÀ

"Stat Membru tal-UE li jintlaqat minn kriżi finanzjarja jenħtieġ li jirċievi l-appoġġ mingħand l-Istati Membri l-oħra tal-UE."



# SOLIDARJETÀ

Is-solidarjetà tfisser l-użu tal-flus biex tiżgura li kulħadd ikollu dar, ikel u edukazzjoni diċenti."



UGWALJANZA / NONDISKRIMINAZZJONI

"Biex tinkiseb l-ugwaljanza, hemm bżonn ta' diskriminazzjoni pożittiva."



# UGWALJANZA / NONDISKRIMINAZZJONI

Kulħadd huwa ndaqs, irrispettivament minn kemm ikollok flus."



# L-ISTAT TAD-DRITT / IL-ĠUSTIZZJA

Għal ċerti reati, jenħtieġ li jkun possibbli li ssir għażla bejn il-ħlas ta' multa kbira u l-iskontar ta' sentenza l-ħabs."



# L-ISTAT TAD-DRITT / IL-ĠUSTIZZJA

"It-terroristi għandhom id-dritt għal proċess ġust, b'difiża xierqa."



Sketch of Anders Breivik © CC Lukepryke

# IR-RISPETT GĦAD-DRITTIJIET TAL-BNIEDEM

"Ġurnalist jenħtieġ li jiġi ppenalizzat meta jikteb storja b'aħbar falza".



# IR-RISPETT GĦAD-DRITTIJIET TAL-BNIEDEM

"L-UE jenħtieġ li ma tinnegozjax ma' reġimi li jiksru d-drittijiet tal-bniedem, anki jekk in-negozju jkun tajjeb għall-UE".



Il-President Michel u Josep Borrell jiltaqgħu mal-Prim Ministru tal-Libja (08/01/20, Brussell)

## IT-TOLLERANZA / PLURALIŻMU

"Li tilbes simboli reliġjużi, bħal salib jew velu, jenħtieġ li jkun permess fl-iskola u fuq ix-xogħol."



# IT-TOLLERANZA / PLURALIŻMU

"Huwa aċċettabbli li wieħed jesprimi diskors ta' mibegħda online, jekk dan jagħmlu fi gruppi magħluqa/sigrieti."



"Huwa d-dmir morali ta' kull pajjiż tal-UE li jgħin lill-applikanti għall-ażil."



# IR-RISPETT GĦAD-DINJITÀ TAL-BNIEDEM

"It-tortura jenħtieġ li titħalla biex tinkiseb informazzjoni bl-għan li jiġu evitati attakki terroristiċi ġodda possibbli."



# IL-VALURI TAL-UE

Din il-preżentazzjoni tagħmel parti mill-għodda edukattiva EUROPE@SCHOOL – lezzjonijiet attivi dwar l-Unjoni Ewropea.

© Parlament Ewropew 2020